MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 875/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Clifford Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm542.96) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut skond Client Contract number 29616 in rigward ghal servizzi moghtija lill-konvenut mis-socjeta attrici fix-xhur bejn bejn Marzu 2002 u Settembru 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-Prokuratur Legali Peter Sammut in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm542.96), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------